MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 540/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Todorov Dimitrov Krassimir K.I. 241299 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf u erbgħa u tletin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,034.32), dovuta mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bil-kont numru *A/C 50898334,* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf u erbgħa u tletin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,034.32), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Frar 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 383/12, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------